MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 882/2011

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**Vs**

**Stockdale Michael John ID 29544A u b'degriet tat-Tribunal datat nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu 2012 kunjom il-konvenut hu kif indikat fl-okkju tat-Talba odjerna u mhux kif jidher fuq il-lista u l-verbali rispettivi in konnessjoni ma din il-kawza.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Ottubru 2011, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, tlett mija, sebghin Euro hames centezmi (€1,370.05c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta’ Settembru 2012, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, tlett mija, sebghin Euro hames centezmi (€1370.05c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------